**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta’ Frar, 2019

Rikors Nru : 19/18 AL

**AB**

*Vs*

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

ILLI l-partijiet iżżewwġu fl-ewwel (1) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok. A’ u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, li llum kollha maggorenni;

ILLI l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok. B) ;

ILLI m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom ħajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet, u persuni ohra/familji godda;

ILLI ma hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f'dan l-istadju, stante illi l-ulied illum kollha maggorenni u l-fuq minn tlieta u ghoxrin sena, u l-intimat qatt ma kien intitolat ghall-manteniment, u dan kif jidher car mill-imsemmi kuntratti.

ILLI m'hemmx kwistjoni ta' manteniment lill-intimat.

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti, rat illi r-rikorrenti kkonfermat ir-rikors bil-gurament taghha;

Il-Qorti semghet lill-intimat waqt is-seduta tat-12 ta' Frar, 2019 jiddikjara fuq domanda tal-qorti li ma kellu l-ebda oggezzjoni li jintlaqaw it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-15 ta' Mejju, 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;